# WP243 ANNESS - MISTOQSIJIET FREKWENTI

*L-objettiv ta' dan l-anness huwa li jagħti tweġiba, b'mod sempliċi u f'format li jinqara faċilment, għal xi wħud mill-mistoqsijiet li organizzazzjonijiet jista' jkollhom rigward ir-rekwiżiti l-ġodda taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data biex jinħatar UPD.*

## Nomina tal-UPD (l-Artikolu 37)

### 1 Liema organizzazzjonijiet huma mitluba jaħtru UPD? (l-Artikolu 37(1))

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jesiġi n-nomina ta' UPD fi tliet każijiet speċifiċi:

- meta l-ipproċessar jitwettaq minn awtorità jew korp pubbliku (irrispettivament minn liema *data* qed tiġi pproċessata);
- meta l-attivitajiet ewlenin tal-kontrollur jew tal-proċessur ikunu jikkonsistu f'operazzjonijiet ta' ipproċessar, li jirrikjedu monitoraġġ regolari u sistematiku ta' suġġetti tad-*data* fuq skala kbira; u
- meta l-attivitajiet ewlenin tal-kontrollur jew il-proċessur jikkonsistu fl-ipproċessar fuq skala kbira ta' kategoriji speċjali ta' *data* jew *data* personali li jirrigwardaw kundanni kriminali u reati.

Innota li d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru jistgħu jobbligaw in-nomina tal-UPD f'sitwazzjonijiet oħra wkoll. Fl-aħħar nett, meta r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ma jkunx jesiġi b'mod speċifiku l-ħatra ta' UPD, l-organizzazzjonijiet jistgħu xi drabi jsibuha utli li jinnominaw UPD fuq bażi volontarja. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ("WP29") jinkoraġġixxi dawn l-isforzi volontarji.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.1 tal-Linji Gwida.***

### 2 Xi jfisser il-kunċett ta' "attivitajiet ewlenin"? (l-Artikolu 37(1)(b) u (c))

"Attivitajiet ewlenin" jista' jiġi kkunsidrat bħala l-operazzjonijiet ewlenin biex jinkisbu l-objettivi tal-kontrollur u tal-proċessuri. Dawn jinkludu wkoll l-attivitajiet kollha fejn l-ipproċessar tad-*data* jifforma parti essenzjali mill-attività tal-kontrollur jew tal-proċessur. Pereżempju, jenħtieġ li l-ipproċessar tad-*data* tas-saħħa, bħar-rekords tas-saħħa tal-pazjenti, tiġi kkunsidrata bħala waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-isptar u għalhekk, l-isptarijiet iridu jinnominaw l-UPD.

Min-naħa l-oħra, l-organizzazzjonijiet kollha jwettqu ċerti attivitajiet ta' appoġġ pereżempju, li jħallsu lill-impjegati tagħhom jew li jkollhom attivitajiet ta' appoġġ tal-IT. Dawn huma funzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa għall-attività ewlenija jew in-negozju ewlieni tal-organizzazzjoni. Għalkemm dawn l-attivitajiet huma meħtieġa jew essenzjali, huma normalment meqjusa bħala funzjonijiet anċillari, aktar milli bħala attività ewlenija.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.1.2. tal-Linji Gwida.***

### 3 Xi jfisser il-kunċett ta' "fuq skala kbira"? (l-Artikolu 37(1)(b) u (c))

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ma jiddefinixxix x'tikkostitwixxi skala kbira. Id-WP29 jirrakkomanda li l-fatturi li ġejjin, b'mod partikolari, jiġu kkunsidrati meta jiġi ddeterminat jekk l-ipproċessar jitwettaqx fuq skala kbira:

- L-għadd ta' suġġetti tad-*data* kkonċernati - bħala numru speċifiku jew bħala proporzjon tal-

popolazzjoni rilevanti

- Il-volum tad-*data* u / jew il-firxa tal-elementi tad-*data* differenti li qed jiġu pproċessati
- It-tul ta' żmien, jew il-permanenza, tal-attività tal-ipproċessar ta' *data* personali
- Il-firxa ġeografika tal-attività tal-ipproċessar

Eżempji tal-ipproċessar fuq skala kbira jinkludu:

- l-ipproċessar tad-*data* tal-pazjenti matul il-kors regolari tan-negozju fi sptar
- l-ipproċessar tad-*data* tal-ivvjaġġar ta' individwi li jużaw is-sistema ta' trasport pubbliku (pereż. l-intraċċar permezz ta' kards tal-ivvjaġġar)
- l-ipproċessar ta' *data* ta' ġeolokazzjoni f'ħin reali tal-konsumaturi ta' katina internazzjonali ta' *fast food* għal finijiet statistiċi minn proċessur speċjalizzat f'dawn l-attivitajiet
- l-ipproċessar ta' *data* tal-konsumaturi fil-kors regolari tan-negozju minn kumpanija tal-assigurazzjoni jew bank
- l-ipproċessar ta' *data* personali għal reklamar ibbażat fuq l-imġiba minn magna tat-tfittix
- l-ipproċessar ta' *data* (il-kontenut, it-traffiku, il-lokazzjoni) minn fornituri ta' servizzi tat-telefown jew tal-Internet

Eżempji li ma jikkostitwixxux l-ipproċessar fuq skala kbira jinkludu:

- l-ipproċessar ta' *data* tal-pazjenti minn tabib individwali
- l-ipproċessar ta' *data* personali relatata ma' kundanni kriminali u reati minn avukat individwali

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.1.3. tal-Linji Gwida.***

## 4 Xi jfisser il-kunċett ta' "monitoraġġ regolari u sistematiku"? (l-Artikolu 37(1)(b))

Il-kunċett ta' monitoraġġ regolari u sistematiku ta' suġġetti tad-*data* mhuwiex definit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, iżda jinkludi l-forom kollha ta' intraċċar u tfassil ta' profili għall-finijiet ta' reklamar ibbażat fuq l-imġiba. Madankollu, il-kunċett tal-monitoraġġ mhuwiex ristrett għall-ambjent onlajn.

WP29 jinterpreta "regolari" bħala li jfisser wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Li jseħħ jew jokkorri f'livelli partikolari għal perjodu partikolari
- Li jirrikorri jew ripetut f'intervalli ta' ħin kostanti
- Li jseħħ b'mod kostanti jew perjodikament

WP29 jinterpreta "sistematiku" bħala li jfisser wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Li jokkorri skont sistema
- Determinat minn qabel, organizzat jew metodiku
- Li jsir bħala parti minn pjan ġenerali għall-ġbir tad-*data*
- Li jsir fl-ambitu ta' strateġija

Eżempji: it-tħaddim ta' netwerk tat-telekomunikazzjoni; il-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni; l-indirizzar mill-ġdid ta' posta elettronika; it-teħid ta' profil u *scoring* għal skopijiet ta' valutazzjoni tar-riskju (pereż. għall-iskopijiet ta' sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu, twaqqif ta' primjums tal-assigurazzjoni, prevenzjoni ta' frodi, detezzjoni ta' ħasil tal-flus); l-intraċċar tal-lokazzjoni, pereżempju, minn *apps* għall-apparati mobbli; il-programmi ta' lealtà; ir-reklamar

ibbażat fuq l-imġiba; il-monitoraġġ ta' *data* tal-benessri, tal-fitness u tas-saħħa permezz ta' tagħmir li jista' jintlibes; *closed circuit television* (televiżjoni b'ċirkwit magħluq); tagħmir ikkonnettjat, pereż arloġġi Smart, karozzi Smart, awtomatizzazzjoni tad-dar, eċċ.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.1.4. tal-Linji Gwida.***

## 5 L-organizzazzjonijiet jistgħu jaħtru UPD b'mod konġunt? Jekk iva, skont liema kundizzjonijiet? (l-Artikoli 37(2) u (3))

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jipprovdi li grupp ta' impriżi jista' jinnomina UPD wieħed sakemm huwa jew hija jkunu "*faċilment aċċessibbli minn kull stabbiliment*". Il-kunċett tal-aċċessibbiltà jirreferi għall-kompiti tal-UPD bħala punt ta' kuntatt fir-rigward tas-suġġetti tad-*data*, l-awtorità superviżorja u wkoll internament fl-organizzazzjoni. Sabiex jiżgura li l-UPD, kemm jekk intern kif ukoll jekk estern, ikun aċċessibbli, huwa importanti li jiġi żgurat li d-dettalji tal-kuntatt ikunu disponibbli f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. L-UPD irid ikun f'pożizzjoni li jikkomunika b'mod effiċjenti mas-suġġetti tad-*data* u jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati. Dan ifisser li din il-komunikazzjoni trid issir fil-lingwa jew lingwi użati mill-awtoritajiet superviżorji u mis-suġġetti tad-*data* kkonċernati. Id-disponibbiltà personali ta' UPD (kemm jekk fiżikament fl-istess bini bħall-impjegati, permezz ta' *hotline* jew ta' mezz sikur ta' komunikazzjoni ieħor) hija essenzjali biex tiżgura li s-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jikkuntattjaw l-UPD.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.3 tal-Linji Gwida.***

## 6 Huwa possibbli li jinħatar UPD estern (l-Artikolu 37(6))?

Iva. Skont l-Artikolu 37 (6), l-UPD jista' jkun membru tal-persunal tal-kontrollur jew tal-proċessur (UPD intern) jew "jissodisfa l-kompiti fuq il-bażi ta' "kuntratt ta' servizz". Dan ifisser li l-UPD jista' jkun estern, u f'dan il-każ, il-funzjoni tiegħu/tagħha tista' tiġi eżerċitata fuq il-bażi tal-kuntratt tas-servizz konkluż ma' individwu jew organizzazzjoni.

Jekk l-UPD ikun estern, ir-rekwiżiti kollha tal-Artikoli minn 37 sa 39 japplikaw għal tali UPD. Kif iddikjarat fil-Linji Gwida, meta l-funzjoni ta' UPD tiġi eżerċitata minn fornitur ta' servizz estern, tim ta' individwi li jaħdmu għal dik l-entità jistgħu effettivament iwettqu l-kompiti tal-UPD bħala tim, taħt ir-responsabbiltà ta' kuntatt ewlieni nominat u "persuna inkarigata" mill-klijent. F'dan il-każ, huwa essenzjali li kull membru tal-organizzazzjoni esterna li jeżerċita l-funzjonijiet ta' UPD ikun jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

Għall-fini taċ-ċarezza ġuridika u ta' organizzazzjoni tajba, il-Linji Gwida jirrakkomandaw li jkun hemm, fil-kuntratt ta' servizz, allokazzjoni ċara tal-kompiti fit-tim estern tal-UPD u biex jiġi assenjat individwu wieħed bħala kuntatt ewlieni u persuna "inkarigata" mill-klijent.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsimiet 2.3, 2.4 u 3.5 tal-Linji Gwida.***

## 7 X'inhuma l-kwalitajiet professjonali li għandu jkollu UPD (l-Artikolu 37(5))?

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jesiġi li l-UPD "*għandu jinħatar abbażi tal-kwalitajiet professjonali u, b'mod partikolari, l-għarfien espert tal-liġi u tal-prattiki dwar il-protezzjoni tad-data u l-ħila li jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 39*".

Il-livell meħtieġ ta' għarfien espert jinħtieġ li jkun stabbilit skont l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* li jkunu saru u l-protezzjoni meħtieġa tad-*data* personali li qed tiġi pproċessata. Pereżempju, fejn attività tal-ipproċessar tad-*data* tkun partikolarment kumplessa, jew fejn ikun hemm involut ammont kbir ta' *data* sensittiva, l-UPD jista' jkun jeħtieġ livell aktar għoli ta' għarfien espert u ta' appoġġ.

Il-ħiliet u l-għarfien esperti meħtieġa jinkludu:

- għarfien espert tal-liġijiet nazzjonali u Ewropej ta' protezzjoni tad-*data*, inkluż fehim profond tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*
- fehim tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa
- fehim tat-teknoloġiji tal-informatika u s-sigurtà tad-*data*
- għarfien tas-settur kummerċjali u l-organizzazzjoni
- l-abbiltà ta' promozzjoni ta' kultura tal-protezzjoni tad-*data* fl-organizzzzjoni

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2.4 tal-Linji Gwida.***

# Pożizzjoni tal-UPD (l-Artikolu 38)

## 8 X'inhuma r-riżorsi li jenħtieġ li jiġu pprovduti lill-UPD biex iwettaq il-kompiti tiegħu/tagħha?

L-Artikolu 38(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jobbliga lill-organizzazzjoni tappoġġa lill-UPD billi *"jipprovdu r-riżorsi meħtieġa biex iwettaq dawk il-kompiti u aċċess għad-data personali u l-attivitajiet ta' pproċessar u jsostnu l-għarfien espert tiegħu"*.

Skont in-natura tal-attivitajiet tal-ipproċessar u l-attivitajiet u d-daqs tal-organizzazzjoni, jenħtieġ li r-riżorsi li ġejjin jiġu pprovduti lill-UPD:

- Appoġġ attiv tal-funzjoni tal-UPD mill-maniġment superjuri
- Ħin biżżejjed lill-UPD biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom
- Appoġġ adegwat f'termini ta' riżorsi finanzjarji, infrastruttura (bini, faċilitajiet, tagħmir) u persunal meta jkun xieraq
- Komunikazzjoni uffiċjali għan-nomina tal-UPD lill-persunal kollu
- Aċċess għal servizzi oħrajn fl-organizzazzjoni sabiex l-UPD ikunu jistgħu jirċievu appoġġ essenzjali, input jew informazzjoni minn dawk is-servizzi l-oħrajn
- Taħriġ kontinwu

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 3.2 tal-Linji Gwida.***

### 9 X'inhuma s-salvagwardji biex jippermettu lill-UPD iwettaq il-kompiti tiegħu/tagħha b'mod indipendenti (l-Artikolu 38(3)?

Jeżistu diversi salvagwardji biex jippermettu lill-UPD jaġixxi b'mod indipendenti kif iddikjarat fil-premessa 97:

- L-ebda struzzjoni mill-kontrolluri jew il-proċessuri rigward l-eżerċizzju tal-kompiti tal-UPD
- L-ebda sensja jew piena mill-kontrollur għall-prestazzjoni tal-kompiti tal-UPD
- L-ebda kunflitt ta' interess ma' kompiti u obbligi oħrajn possibbli

***Għal aktar informazzjoni, ara t-Taqsimiet minn 3.3 sa 3.5 tal-Linji Gwida***

### 10 X'inhuma l-"kompiti u dmirijiet oħra" ta' UPD li jistgħu jirriżultaw f'kunflitt ta' interessi (l-Artikolu 38(6))?

L-UPD ma jistax ikollu pożizzjoni fl-organizzazzjoni li twasslu/twassalha j/tiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-*data* personali. Minħabba li hemm struttura organizzazzjonali speċifika f'kull organizzazzjoni, dan għandu jiġi kkunsidrat każ b'każ.

Bħala regola ġenerali, pożizzjonijiet kunflittwali jistgħu jinkludu pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri (bħal uffiċjal kap eżekuttiv, uffiċjal kap operattiv, uffiċjal kap finanzjarju u uffiċjal kap mediku, kap tad-dipartiment tal-marketing, kap tar-Riżorsi Umani jew kap tad-dipartimenti tal-IT) iżda wkoll rwoli oħra iktar 'l isfel fl-istruttura organizzazzjonali jekk tali pożizzjonijiet jew rwoli jwasslu għad-determinazzjoni tal-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 3.5 tal-Linji Gwida.***

## Kompiti tal-UPD (l-Artikolu 39)

### 11 X'jinkludi l-kunċett ta' "jissorvelja l-konformità" mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (l-Artikolu 39(1)b)?

Bħala parti minn dawn l-obbligi biex jissorveljaw il-konformità, l-UPD jistgħu, b'mod partikolari:

- jiġbru informazzjoni biex jidentifikaw attivitajiet tal-ipproċessar,
- janalizzaw u jivverifikaw il-konformità ta' attivitajiet tal-ipproċessar, u
- jinfurmaw, jagħtu konsulenza u joħorġu rakkomandazzjonijiet lill-kontrollur jew lill-proċessur

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4.1 tal-Linji Gwida.***

## 12 L-UPD huwa personalment responsabbli għan-nonkonformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*?

Le, l-UPD mhumiex personalment responsabli għan-nonkonformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jagħmilha ċara li huwa l-kontrollur jew il-proċessur li huwa meħtieġ jiżgura u jkun jista' juri li l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*" (l-Artikolu 24(1)). Il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* hija r-responsabbiltà tal-kontrollur jew tal-proċessur.

## 13 X'inhu r-rwol tal-UPD fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 37(1)(c) u r-reġistru tal-attivitajiet tal-ipproċessar (l-Artikolu 30)?

Fejn jirrigwarda l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, il-kontrollur jew il-proċessur jenħtieġ li jfittxu l-konsulenza tal-UPD, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin, fost l-oħrajn:

- jekk jagħmlux DPIA jew le;
- liema metodoloġija jsegwu meta jagħmlu DPIA;
- jekk jagħmlux DPIA interna jew jekk jesternalizzawhiex;
- liema salvagwardji (inklużi miżuri tekniċi u organizzazzjonali) japplikaw biex jimmitigaw kull riskju għad-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti tad-*data*;
- jekk il-valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-*data* ġietx imwettqa b'mod korrett jew le u jekk il-konklużjonijiet tagħha (jekk wieħed jistax ikompli bl-ipproċessar u liema salvagwardji jiġu applikati) humiex f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4.2 tal-Linji Gwida.***

F'dak li jikkonċerna r-reġistru tal-attivitajiet tal-ipproċessar, huwa l-kontrollur jew il-proċessur, mhux l-UPD, li huwa obbligat iżomm rekord tal-attivitajiet tal-ipproċessar. Madankollu, xejn ma jipprevjeni lill-kontrollur jew lill-proċessur milli jassenjaw lill-UPD il-kompitu li jżomm ir-reġistru tal-attivitajiet tal-ipproċessar taħt ir-responsabbiltà tal-kontrollur. Jinħtieġ li reġistru bħal dan jiġi kkunsidrat bħala wieħed mill-istrumenti li jippermettu lill-UPD iwettaq il-kompiti tiegħu ta' monitoraġġ tal-konformità, għoti tal-informazzjoni u konsulenza lill-kontrollur jew lill-proċessur.

***Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4.4 tal-Linji Gwida.***